MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2012

Numru. 727/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Clyde Bonavia ta’ 28 sena, bin Anthony u Emauela Bricnat, imwieled Pieta nhra id-09 ta’ Awissu 1984, residenti 10, Fuq Verdala, Bormla u detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 410684M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli:

(1) Talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47) izda mhux l-elf, mija u disgha u sittin centezmu (1164.69) u cioe fuq vettura Toyota Avensis a detriment ta’ Carmel Vella

Barra minn dan l-imputat Bonavia huwa akkuzat li rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu imhassra ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D nhar id-9 ta' Novembru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali pjuttost refrattarja tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' seba' (7) xhur prigunerija.

Inoltre wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 95, 96, 287, 252, 338(bb), 17(h) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tittratta mal-hati dwar l-Ordni ta' Probation imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Novembru, 2011 u tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' hames (5) xhur prigunerija biex b'kollox l-imputat irid jiskonta piena ta' sena prigunerija.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li l-imputat jigi mghoti l-ghajnuna kollha ghall-problema tieghu tal-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------